**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2017.**

**Talba Nru: 300/2017PA**

**APS Bank Ltd**

**vs**

**Dr. Patrick Valentino bħala kuratur deputat maħtur b'Digriet mogħti nhar it-23 t'a Frar 2017 sabiex jirrapreżenta lill-assent Scott James Joħnson (I.D. 76734A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta' Ġunju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma komplessiva ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€544.38ċ) rappreżentanti in kwantu s-somma ta' ħames mija u wieħed u għoxrin Ewro, tlieta u tletin ċenteżmu (€521.33ċ) bilanċ ta' debitu relttiv mal-Overdraft Account bin-numru 2000162278-7 flimkien mas-somma ta' tlieta u għoxrin Ewro u ħames ċenteżmi (€23.05ċ) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-Interest Disposal Account bin-numru 2000179241-7 u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-Overdraft Account bin-numru 2000162278-7 mill-1 ta' Jannar 2017 sad-data tal-ħlas, bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra legali bin-numru 395/2017.

Ra r-Risposta tal-kuratur Dr. Patrick Valentino għall-konvenut li ddikjara li mhux edott mill-fatti ta' dan il-każ, u rriżerva li jippreżenta risposta ulterjuri fl-eventwalita' li jirnexxielu jagħmel kuntatt mal-assenti minnu rappreżentat.

Sema' x-xiehda ta' Cheryl Azzopardi, senior officer fir-Recoveries Section tal-bank attur, li ppreżentat statement tal-kont tal-attur mal-istess bank, filwaqt li kkonfermat li l-bank attur għadu kreditur tiegħu fl-ammont mitlub b'din il-kawża.

Ra li l-konvenut ma ressaq ebda prova kontra l-provi mressqa mis-soċjeta' attriċi.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabiltajiet.

Ivverifika li s-soċjeta' attriċi kienet ppreżentat ittra uffiċjali kontra kuraturi in rappreżentanza tal-konvenut, li biha interpellati jħallas, fil-21 ta' Frar 2017, bin-numru 395/2017.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€544.38ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**